

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-13 ta' Settembru 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-591/14) <sup>(1)</sup>

*(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni 2011/678/UE — Għajnuna mill-Istat favur il-finanzjament tal-iskrining tal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE) fl-animali tal-ifrat — Għajnuna inkompatibbli mas-suq intern — Obbligu ta' rkupru — Nuqqas ta' eżekuzzjoni)*

(2017/C 382/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, B. Stromsky, S. Noë u H. van Vliet, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: C. Pochet, L. Van den Broeck u J.-C. Halleux, aġenti, assistiti minn L. Van den Hende u J. Charles, avukati)

#### **Dispożittiv**

- 1) Billi ma ġaxx il-miżuri kollha neċċesarji sabiex jirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna mill-Istat iddiċċjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern mill-Artikolu 1(3) u (4) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/678/UE, tas-27 ta' Lulju 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-iskrining għall-enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli (TSE) fil-bovini [animali tal-ifrat] implimentata mill-Belġju [Għajnuna mill-Istat C 44/08 (ex NN 45/04)], u billi ma informax lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda sabiex jikkonforma ruħu ma' din id-deċiżjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u l-Artikoli 2 sa 4 tal-imsemmija deċiżjoni.
  
- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 73, 2.3.2015.